# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 518/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**George Pace**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, George Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 613364M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana talli:

1) Fit-28 u 29 ta' Marzu 2010, wara interventi u tfittxija f'garaxx, fi Triq Corradino, Paola, li saru mill-Uffiċċjali tal-Malta Resources Authority u mill-Uffiċċjali tad-Dwana rispettivament, ġie misjub li xjentement, kellu fil-pussess u taħt il-kontroll tiegħu, kif

ukoll laqa' għandu, żamm, kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożitu ta' 1,050 litru gasoil bla dazju u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju jew Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-gasoil bla dazju.

Dan il-gasoil għandu valur ta' €762.24, dazju tas-Sisa dovut, kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €401.52 u €209.48 rispettivament, liema dazju u taxxa dovuti ma kienux ġew imħallsa jew kawtelati.

2) Akkużat talli fit-28 u 29 ta' Marzu 2010, wara interventi u tfittxija f'garaxx, fi Triq Corradino, Paola, li saru mill-Uffiċċjali tal-Malta Resources Authority u mill-Uffiċċjali tad-Dwana rispettivament, ġie misjub li xjentement, kellu fil-pussess u taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll laqa' għandu, żamm, kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożitu ta' 1,050 litru gasoil bla dazju u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju jew Taxxa li jkun jmiss jitħallas fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-gasoil bla dazju.
Dan il-gasoil għandu valur ta' €762.24, dazju tas-Sisa dovut, kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €401.52 u €209.48 rispettivament; liema dazju u taxxa dovuti ma kienux ġew imħallsa jew kawtelati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-20 ta' Novembru, 2017 li biha ma sabitx lill-imputat George Pace ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billli filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat George Pace mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u lliberatu, **tvarjaha** u tbiddilha f'dik il-parti fejn il-Qorti ma ordnatx il-konfiska u minflok tgħaddi biex tordna l-konfiska tal-gasoil formalment ezebit in atti u li fuqu ma tħallasx id-Dazju u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skond il-Liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti milli tordna l-konfiska tal-oggett maqbud minkejja li lliberat lill-appellat minn kull ħtija. Skond l-Avukat Generali, kien ppruvat mill-Prosekuzzjoni li dan il-gasoil li jinsab maqbud mid-Dwana ma kienx imħallas id-dazju tas-sisa fuqu u dan ai termini tal-artikolu 60 tal-kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 17 tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Avukat Ġenerali jaghmel referenza ghall-artikolu 60 tal-Kap 37 wkoll għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali 'Il-Pulizija v Rita Spiteri' fl-14 ta' Novembru 2017 fejn il-Qorti ma sabitx ħtija iżda xorta ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oġġetti mertu tar-reati in kwistjoni u cioe' s-sigaretti;

2. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet is-segwenti sommarju tal-fatti: "Illi, in mertu, dak li jikkaraterizza din il-kawza hu li bejn it-28 ta' Marzu 2011 u t-30 ta' Marzu 2011 saret spezzjoni ġewwa Pace's Garage/yard (fejn fiha kienu jinżammu xi inġenji industrijali) li tinsab ġewwa Triq Corradino, Paola u hemmhekk instab reservoir bil-fuel. Ittieħdu kampjuni għall-analiżi. Nhar it-30 ta' Marzu, 2011, l-awtorita' kompetenti reġgħet marret fuq il-lok in kwistjoni u elevat il-kontenut kollu tar-reservoir li fih kellu 1050 litru gasoil. L-imputat Geroge Pace, li dejjem kien fuq il-post u kien il-persuna responsabbli, iffirma wkoll il-formoli ta' *items witheld* (ara dok MS u dok AB li jinsabu a *folios* 22 u 34 rispettivament). Sussegwentement saru xi analiżi fuq il-kampjuni meħuda u a bażi ta' tali eżamijiet, li indikaw li dan il-gasoil in kwistjoni kien irregolari, l-imputat tressaq biex jirrispondi ghall-akkuzi migjuba";

3. Mill-atti processwali jirrizulta illi kienu ttiehdu tlett kampjuni ta' gasoil mill-hazna tal-appellat, wiehed minnhom mghoddi lill-istess appellat ghal-kontroll indipendenti tieghu. Il-kampjuni kienu ezaminati mis-socjeta' Saybolt u rrizulta li dan il-gasoil kellu Sulphur Content ta' 70 parts per million, li huwa seba' darbiet izjed min dak stipulat fl-Avviz Legali 44/2008 u li ghalhekk ma seta' qatt thallas dazju fuqu ghaliex dak huwa tip ta' fuel li ma jistghax jintuza minn vetturi fit-toroq;

4. L-ewwel Qorti gustament ma sabitx htija fl-appellat ghaliex kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn id-data li allegatament kien skopert il-pussess illegali ta' dan il-gasoil u dak li xehedu ix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Madankollu, l-artikolu 60 tal-Kapitolu 37 huwa car meta bl-ahhar parti tieghu jipprovdi illi: "*f'kull kaz bhal dan, l-oggetti hawn fuq imsemmija ghandhom jigu kkonfiskati,*

*flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakjati maghhom, jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom".* Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Francis Xavier sive Franco Borg tat-23 ta' Settembru, 1994, f'kaz fejn din il-Qorti lliberat lill-appellant fuq appell tieghu rigwardanti pussess ta' arma tan-nar kienet ordnat li l-arma tan-nar u l-munizzjoni ezebiti taht l-awtorita' tal-ewwel qorti huma konfiskati favur il-Gvern ta' Malta skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 60 tal-Kap. 37;

5. Dak li qed jitlob l-Avukat Generali ma hux xi haga gdida jew straordinarja. L-artikolu 60 tal-Kap 37 jipprovdi ghal din il-konfiska ghaliex anke f'kaz ta' liberatorja ikun kontrasens li l-ligi stess tippermetti li l-oggett illegali, ossia il-pussess tieghu kontra l-ligi, jerga jithalla f'idejn is-sid b'mod li imbaghad ma jkunx aktar fi stat ta' illegalita'. U dan anke jekk kif jikkontendi l-appellat li hu xtara l-gasoil in bona fede;

6. Fis-sottomissjonijiet tagħha d-difiża tirritjeni illi fil-proċess hemm opinjonijiet ta' esperti ex parte minghajr ma hemm gudizzju dwarhom. Inoltre l-artikolu 60 inkiteb qabel ma daħlu d-Drittijiet tal-Bniedem fil-Liġi tagħna. Dan huwa artikolu li jgħidlek li oġġett jiġi konfiskat ukoll meta ma tinstabx ħtija;

7. Din il-Qorti m'għandha ebda kompetenza li tiddeċiedi punti Kostituzzjonali u għalhekk mhix ser teddeċiedi dwar jekk l-artikolu 60 tal-Kap 37 jiksirx xi dritt taħt ir-raba' Kap tal-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni Ewropea. Jinghad biss illi f'dan l-artikolu ma tidhirx il-kelma 'persuna' u japplika għal kull ħaġa li suppost tkun tħallas id-dazju fuqu u ma jkunx tħallas.;

7. Huwa minnu li ma kienx hemm ħatra ta' esperti da parti tal-Qorti kif jghid l-appellat izda dan il-punt ma jistghax ikun mistharreg f'dan l-istadju. Dak li jirrizulta mill-atti hu li qatt ma kien hemm talba ghalhekk u lanqas ma kien hemm oggezzjoni dwar ir-rizultanzi tal-espert ex-parte li hija socjeta' li taghmel analizi u testijiet bhal dawn ghall-komunita' internazzjonali. Ir-rizultati ta' Seybolt Malta Limited mqabbda mid-Dwana kienu prezentati lill-Qorti u l-appellat kien inghata wiehed mill-kampjuni issigillati ghall-uzu tieghu. Seybolt ezaminat wiehed mit-tlett kampjuni u ghalhekk kien ghad hemm zewg kampjuni issigillati ghad-disposizzjoni ta' kull min ried li ssir verifika indipendenti u imparzjali. Dak l-istadju, izda, ghadda u hawn si tratta ta' gasoil bil-marka li juri li jew kien importat kontra l-ligi jew li kien fl-origini tieghu importat legalment u dilwit b'gasoil li ma kienx legittimament importat;.

8. Isegwi ghalhekk li l-ewwel Qorti, ghalkemm ma sabitx htija fl-appellat, kellha xorta wahda tordna l-konfiska tal-fuel;

9. Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u konsegwentement qed **tirriforma** s-sentenza billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li fiha ddikjarat lill-appellat mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u **tibdilha** f'dik il-parti fejn naqset milli tordna l-konfiska tal-gasoil formalment esebit u minflok tordna l-konfiska tieghu fit-termini tal-artikolu 60 tal-Kapitolu 37 tal-ligijiet ta' Malta.